# ĦAL LUQA

**MINUTI - LAQGĦAT TAL-KUNSILL**

**It-TMIEN' KUNSILL**

**SEDUTA NRU. 2 – IT-TNEJN 5 T' AWWISSU 2019**

Il-Kunsill iltaqa' fl-uffiċċju amministrattiv tiegħu fiċ-Ċentru Ċiviku fi 174, Triq il-Ġdida, Luqa it-Tnejn 5 t' Awwissu 2019 fil-17:30pm.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti: | John Schembri | Sindku |
| | Kearon Bruno | Viċi Sindku |
| | Donald Cassar | Kunsillier |
| | Eric Camilleri | Kunsillier |
| | Frederick Aquilina | Kunsillier |
| | Victor Caruana | Kunsillier |
| | Lucia Massa | Kunsillier |
| Uffiċċjali Preżenti | Michael Portelli | Segretarju Eżekuttiv |

## 1. QARI TAL-ITTRI TAL-APOLOĠIJA

1.1 Ma kienx hemm ittri tal-apoloġija.

## 2. KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI

2.1. Ma kienx hemm korrezzjonijiet.

## 3. KOMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU

3.1. Is-Sindku ressaq email fuq il-Premju Anzjanita Attiva. Is-Sindku semma li jekk qed naħsbu fuq persuna nilħqu naraw peress li l-premju kellu sal-11 ta' Settembru.

3.2 Is-Sindku ressaq email fuq il-premju għas sehem fid-Dimensja. Is-Sindku innomina lis-Sur Pawlu Tonna. Il-Kunsillier Caruana issekonda din in-nominazzjoni.

3.3 Is-Sindku ressaq email li kienet ġejja mill-AKL fuq taħriġ għall Kunsilliera. Huwa qallhom li din hija importanti li jattendu għaliha speċjalment dawk il-Kunsilliera ġodda.

3.4 Is-Sindku semma li ser ssir il-laqgħa tar-Reġjun. Is-Sindku qal lill-Viċi Sindku biex jattendi għaliha.

3.5 Is-Sindku ressaq invit minn naħa tal-Iskola Primarja biex nattendu għat Talent Show li jsir fuq Skola Sajf.

3.6 Is-Sindku semma li kien ser issir team building exercise f' Ottubru għall Kunsilliera.

3.7 Is-Sindku qara Ċirkolari apposta lill-Kunsilliera biex jinfurmahom kif kienet ser tkun l-onorarja. Fuq il-parti kemm kellha tinqata taxxa lill-Kunsilliera huwa talab lis-Segretarju biex jikteb lill-Kummissarju tat-Taxxi Interni u jkollu bil-miktub.

## 4. TWEĠIBIET GĦALL MISTOQSIJIET TAL-KUNSILLIERA

4.1 Il-Kunsillier Caruana saqsa fuq it-traffic management għall Wesgħet il-Vittmi tal-Gwerra. Is-Sindku qal li minn naħa tat-Transport Malta dawn kienu se jibgħatu ittra iffirmata biex b' hekk ikun jista jiġi implimentat ix-xogħol.

4.2 Il-Kunsillier Caruana semma li hawn tista ssir sistema biex il-parkeġġ matul il-ġurnata jservi lill-ħwienet u n-negozji u matul il-lejl jintuża mir-rersidenti.

4.3 Is-Sindku spjega x' kienet is-sitwazzjoni u x' kien hemm bżonn biex isir dan il-proġett. Is-Sindku semma li f' dak li nipproponu hawnhekk irridu noqgħodu attenti biex ma nnaqsux parkings.

4.4 Il-Kunsillier Caruana semma li kienhemm tow zone fejn kien joqgħod is-Sur. Theuma biex terġa ssir it-tabella. Huwa qal ukoll li kien hemm waħda Carmel Street.

4.5 Il-Kunsillier Cassar semma li qed ikun hemm vann tal-ħaxix fi Triq San Ġorġ li qed ikun ipparkjat bejn żewġ karozzi kull darba. Is-Sindku qal biex filkaż inkellmu l-Awtoritajiet.

4.6 Il-Kunsillier Caruana qal li sakemm qed isiru x-xogħolijiet tar-resurfacing fi triq Valletta iridu jittieħdu miżuri biex it-traffiku jgħaddi mingħajr problema.

4.7 Il-Kunsillier Caruana ippropona biex Triq tal-Maħżnier isir one way għax qed ikun hemm ħafna traffiku bil-karozzi għaddejjin viċin xulxin. Il-Kunsillier Camilleri qal li wieħed irid iressaq talba uffiċċjali l-ewwel.

4.8 Il-Kunsillier Caruana semma li hemm bżonn jinżebagħ l-istage ta' quddiem Eric l-electrician u anki l-give way li hemm fejn tal-hairdresser.

4.9 Il-Kunsillier Caruana semma li fejn hemm il-Każin tan-Nazzjonalisti qed iħallu ħafna skart fir-rokna faċċata tiegħu. Is-Sindku qal li li jkun hemm risposta fuq l-iskeda il-ġdida, huwa se jinforza. Huwa qal lill-Kunsillier Caruana biex jdur mat-toroq u fejn jara l-iskart iressaq ir-rapporti.

4.10 Il-Kunsillier Caruana saqsa jekk hux ser issir il-one way ta' Triq il-Ġdida qabel tibda l-Iskola. Is-Sindku qal li din se ssir u se jkun hemm warden fl-ewwel ħmistax biex jinforma lill-pubbliku.

4.11 Il-Kunsillier Cassar saqsa fuq ir-rotta bejn Ħal Farruġ u Ħal Luqa. Il-Kunsillier Camilleri semma li huwa kien se jkollu meeting fuqha din imma ma kienx sar.

4.12 Il-Kunsillier Aquilina saqsa lis-Sindku jistgħux jsiru bins fil-bus shelters speċjalment għas sigaretti. Is-Sindku qal li nistgħu naraw kif dawn nagħmluhom.

4.13 Il-Kunsilliera Massa saqsiet fuq ix-xogħolijiet ta' Triq il-Karmnu peress li kien hemm biċċa kienet għadha mhux mirduma. Is-Sindku qal li huwa kien kellem lill-kuntrattur u kien se jkompli din il-ġimgħa.

4.14 Il-Kunsillier Cassar semma li fl-4 t' Ottubru ikun hemm il-festa ta' San Franġisk u għall din l-okkażżjoni tista ssir Fund Raiser. Iġibu l-karozzi vintage, ikun hemm il-Pulizija u tal-klieb magħhom. Il-Viċi Sindku semma li din tista ssir b' kollaborazzjoni mal-ALS.

4.15 Il-Kunsillier Aquilina qal li fejn joqgħof hu hemm bżonn li jsiru l-parkings peress li hemm minn qed jipparkja b' mod li ħaddieħor ma jkunx jista jipparkja.

4.16 Il-Viċi Sindku semma li t-toilet tal-Bandli qed jagħlaq kmieni. Huwa semma ukoll li fi Triq Gużeppi Casha qed jipparkjaw fil-parti ta' ġewwa u hawn it-triq qed tidjieq ħafna b' konsegwenza t' hekk.

4.17 Il-Viċi Sindku semma li huwa se jerġa jwaqqaf is-Sotto Kumitat taż-żgħażagħ. Huwa qal li diġà kien hemm 10 żgħażagħ li avviċinawh biex jagħmlu parti minnu.

4.18 Il-Kunsillier Aquilina qal li l-bus shelters fejn kien hemm tal-Lidl mhux ser jerġgħu jsiru hemmhekk. Is-Sindku qal li dawn se jiċċaqalqu minħabba x-xogħolijiet li hemm għaddejjin bħalissa.

## 5. PROĠETT TAL-LATRINA, TRIQ DUN PAWL

5.1 Is-Sindku semma li kien inħareġ it-tender tal-latrina ta' Triq Dun Pawl. Huwa qal li dan se jingħalaq aktar tard f' Awwissu.

## 6. MIŻURA 4.4, ĦITAN TAS-SEJJIEGĦ, WIED GARNAW U TRIQ IL-GUDJA

6.1 Is-Sindku semma li kienu saru appuntamenti fuq il-post flimkien mal-Perit biex jiġi identifikat liem partijiet tal-ħajt hemm bżonn li jerġgħu jsiru mill-ġdid. Huwa qal li x-xogħol kien se jinbeda l-ġimgħa d-dieħla.

## 7. SKEMI U XOGĦOLIJIET OĦRA

7.1 Is-Sindku semma li f' Ħal Luqa kien ser issir il-proġett tal-parkings mal-Vodafone. Din kienet inizjattiva tal-Onor. Silvio Schembri u li biha min isuq ikollu ċ-ċans li jiċċekkja fejn jista jipparkja.

7.2 Il-Viċi Sindku saqsa fuq tar-restawr. Is-Sindku semma li bħala Kunsill se napplikaw għar restawr tal-istatwa tal-Kunċizzjoni taħt il-fondi mill-GAL Xlokk u se jkun hemm ukoll l-iskema tad-Dipartiment biex jsir restawr u kien hemm ix-xewqa biex il-Kappillan jirrestawra l-bibien tal-Knisja. Is-Sindku qal li din l-inizjattiva tkompli tgħin lill-Knisja.

7.3 Il-Viċi Sindku qal li kien kellem lil Mark Causon biex insibu inizjattivi biex napplikaw għall fondi bi proġetti ma' pajjiżi oħra.

7.4 Il-Kunsillier Camilleri qal li huwa kien attenda laqgħa tal-AKL fejn semmew diversi inizjattivi ta' fondi. Huwa semma li kien hemm fond apposta fuq kultura li minnu jista jsir drawing book, attività u bosta inizjattivi oħrajn. Huwa semma wkoll li hemm inizjattiva tal-European Mobility Week fejn nistgħu napplikaw biex inġbu vann jaħdem bid-dawl.

## 8. KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-ISKEDA TAL-PAGAMENTI

8.1 Ma kienx hemm mistoqsijiet relatati mal-pagamenti.

## 9. TMIEM TAL-LAQGĦA

9.1 Il-laqgħa ġiet fi tmiemha it-Tnejn 5 t' Awwissu fis-7.10 pm. Kien hemm proposta l-ġurnata tat-2 ta' Settembru għall laqgħa li jmiss.

| | |
|---|---|
| **John Schembri** | **Michael Portelli, BA (Hons), MA CHM, MBA** |
| **SINDKU** | **SEGRETARJU EŻEKUTTIV** |